XEWKIJA

***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA***
***LAQGĦA MILL-BIDU TAL-KUNSILL:  NRU 439***
***IS-SITT KUNSILL  -  LAQGĦA NUMRU 67***
***2 ta' April 2012 fis-6:30pm.***

*Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6:30pm*

*Preżenti:*

| | | |
|---|---|---|
| *Dr Monica Vella* | - | *Sindku* |
| *Joseph Vella* | - | *V/Sindku* |
| *Mr. Hubert Saliba* | - | *Kunsillier* |
| *Mr Teddy Mizzi* | - | *Kunsillier* |

*Skuzata: Dr Marthese Portelli    - Kunsilliera*

---------------------------------------------------------

*Uffiċjali:*

*Ms Sue-Ellen Bugeja  –   Segretarju Eżekuttiv*

*Intqalet it-Talba.*

**1. Il-Fidwa 2012**

Il-Kunsill fetaħ il-Kwotazzjonijiet għall-PA system għal l-attivita' l-Fidwa 2012. Dawn kienu:- Power Sound -764.64 VAT inkluz u Pro Stage- 490.00 VAT mhux inkluz. Il-Kunsill għazel l-orħos kwotazzjoni ta' Power Sound

Il-Kunsill fetaħ il-Kwotazzjonijiet għall-lighting system għal l-attivita' l-Fidwa 2012.  Dawn kienu;- Donald Camilleri-580.00 VAT mhux inkluz u Anthony Buhagiar-750.00 VAT mhux inkluz. Il-Kunsill għazel l-orħos kwotazzjoni ta' Donald Camilleri.

Il-Kunsill fetaħ il-Kwotazzjonijiet għall-Palk u Taraġ għal l-attivita' l-Fidwa 2012. Kien hemm biss kwotazzjoni wahda:- Anthony Buhagiar -660.00 VAT mhux inkluz. Il-Kunsill għazel il-Kwotazzjoni ta' Anthony Buhagiar.

XEWKIJA

### 3. Antenna

Il-Kunsill irċieva ħafna ilmenti rigward antenna li għadha kemm twaħħlet fi Triq Vjal il-Labour. Il-Kunsill ġie mgħarraf minn xi residenti li xi ġranet ilu twaħħlet antenna fuq il-propjeta ta'l-Avukat Mompalao fl-istess triq. Il-ġirien staqsew kif twaħħlet din l-antenna meta l-Kunsill kellu kawza il-Qorti sabiex ma titwaħħalx antenna fuq il-bini tal-kumpanija Magro Bros li jinsab fl-istess triq u minflok din twaħħlet fl-istess triq faċċata izda ftit il-fuq minn dan l-istabbiliment fuq il-proprjeta tal-Avukat Mompalao. Dawn l-ilmenti daħlu l-Kunsill hekk kif ir-residenti fil-għodu kmieni nnutaw li matul il-lejl jew fis-siegħat bikrin ta' fil-għodu kienet twaħħlet l-antenna. Ir-residenti qalu li dawn ix-xogħolijiet ma setghux saru matul il-ġurnata ta' qabel għaliex kieku kienu jinnutawhom kif innutaw mal-ewwel il-"monstru" li sabu maġenbhom fil-għodu kif harġu minn djarhom. Is-Sindku għalhekk kienet sejhet din il-laqgha kemm jista' jkun malajr biex tiġi diskussa din il-materja. L-ilment kien rigward is-saħħa tar-residenti li jgħixu f'dawn l-inħawi.

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din il-materja. Il-Kunsill ikkundanna l-aġir ta' l-Avukat Mompalao li filwaqt li suppost kien qed jiddefendi lir-residenti kollha ta' l-inħawi u tar-raħal tagħna kollu kif rapprezentati mill-Kunsill fil-kawza Kunsill Lokali Xewkija vs Vodafone u Magro Bros. Ltd., minn wara dahar kullħadd laħaq arranġament mal-Vodafone biex l-antenna li l-Kunsill kien qed jopponi u li kienet ġiet imwaqqfa u ma ġietx installata minħabba l-proċeduri li ttieħdu mill-Kunsill, minflok ma teħel fuq il-bini ta' Magro Bros. weħħlet fuq il-proprjeta ta' l-Avukat Mompalao stess. Xi zmien ilu l-Kunsill kien rċieva wkoll parir minn għand l-istess Avukat li l-Kunsill għandu jċedi din il-kawza u jħallas ukoll l-ispejjez tiegħu. Dan l-aġir huwa indeċenti u mingħajr ebda etika u professjonalita. Il-Kunsill innuta wkoll li sakemm daħlu dawn l-ilmenti, jiġifieri meta l-antenna kienet diġa mwaħħla, l-Kunsill ma rcieva l-ebda avviz jew korrispondenza minn għand l-Avukat Mompalao dwar dan il-kunflitt ta' interess, li ħoloq hu stess b'dan l-aġir irresponsabbli tiegħu.

Il-Kunsill iddeċieda, li għalkemm din l-antenna diġa twaħħlet, ser jagħmel il-proċeduri kollha necessarji sabiex isir mandat kif dejjem għamel fil-passat meta ġraw kazijiet simili u jieħu dawk il-mizuri possibbli rigwardanti l-imsemmija antenna. Il-Kunsill iddeċieda li għal dan il-għan għandu jitqabbad avukat iehor li jmexxi l-interessi tar-raħal tagħna kif rapprezentat mill-Kunsill Lokali.

### 4. Ħarġa għall-Anzjani ta' l-Għid il-Kbir

Ser issir Ħarġa tal-anzjani fil-31 ta' Marzu fl-okazzjoni tal-Ghid. L-anzjani ser iżuru diversi wirjiet li huma marbuta mal-passjoni u wara ikollhom l-ikla ta' wara Nofsinhar. Din ser issir Marsalforn. Il-Kunsill ser joħroġ avviż mal-bulletin biex min hu interessat jiġi japplika. Il-prezz ser ikun ta' ħames euro kull persuna.

## 5. L-Avukat tal-Kunsill

Il-Kunsill irċieva mingħand l-Avukat Mompalao li minħabba interessi personali li hu għandu mal-Vodafone ma jistax jibqa' jiddefendi aktar l-Kunsill fil-każ li għandu pendenti mal-Vodafone. Din il-korrispondenza pero ġiet riċevuta fil-Kunsill wara li twaħħlet l-antenna kif spjegat fil-paragrafu tlieta. Il-Kunsill iddeċida li għandu jintgħażel avukat ieħor biex jiddefendi l-interessi tar-residenti kif rapprezentati mill-Kunsill, fil-kawza imsemmija.

## 6. Transport Malta

Il-Kunsill kellu laqgħa ma' Transport Malta rigward l-istat ħazin ta' kif jinsabu it-toroq fix-Xewkija konsegwenza tal-volum tat-traffiku li qed jigi devjat għax-Xewkija minħabba l-progett ta' Triq l-Imġarr. Din saret fit-2 ta' April 2012 fl-uffiċċju tat-TM Santa Venera. Prezenti minn naħa tal-Kunsill kien hemm is-Sindku u s-Segretarju. Mit-TM kien hemm Ruben Said Manager għall-Għawdex, l-Perit John Demicoli, Nicky D' Alonso u l-Perita Kylie Borg Marks mit-TM Malta. It-toroq milquta prinċipalment huma Triq San Bert, Pjazza San Ġwann Battista, Triq l-Indipendenza, Triq il-Mitħna u Triq il-Ħamrija. Kien hemm qbil mal-periti ta' TM fir-rigward ta' Triq l-Indipendenza, Triq San Bert u l- Pjazza peress li skond TM dawk kienu id-devjazzjoni ufficcjali sabiex minnhom jgħaddi t-traffiku. TM għandhom rapport ta' kif kienu dawn it-toroq qabel u kif ġew issa.

Is-Sindku nsistiet li hemm diversi toroq oħra li qed jintużaw ukoll minn dan it-traffiku, minn persuni li biex jeliminaw it-traffic jams li jkun hemm frekwentament fi Triq San Bert, qed jgħaddu minn Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber li saret riċentament mill-Kunsill, u imbagħad jgħaddu għall-Pjazza minn Triq Sant' Elija, Triq Torri Tingi u Triq San Żakkarija. Dawn l-aħħar żewġ toroq ukoll kienu fi stat tajjeb iżda minħabba dan it-traffiku sofrew ħsarat kbar.

It-TM baqgħu jinsistu li huma ma għamlux deviazzjoni ufficcjali għall-imsemmija toroq l-oħra u ma jafux kif kien l-istat tat-toroq qabel beda l-proġett tat-Triq arterjali li qed isir minnhom għalhekk ma ntlaħaqx qbil dwar il-ħsarat li ġarbu dawn it-toroq. Il-Kunsill għandu ikellem il-perit tal-Kunsill biex joħroġ rapport rigward l-istat ta' dawn it-toroq.

Punt ieħor li tqajjem mis-Sindku kien rigward it-'T-Junction' li TM ser tagħmel minflok ir- roundabout li kien issuġerixxa l-Kunsill fl-area tal-Barmil. Is-Sindku reġet insistiet li r-residenti tal-Barmil qed idumu ħafna jistennew it-traffiku għaddej mit-triq principali, Triq l-Imgarr, biex ikunu jistgħu joħorgu minn tal-Barmil. Din il-proposta ila issir mill-Kunsill min mindu kien thabbar li ser isir dan il-proġett. Is-Sindku regget infurmat li qed isiru ħafna inċidenti u ikun sew li jsir roundabout minflok T-junction. Għal darb'oħra din il-proposta tal-Kunsill ma ġietx aċċettata mit-TM.

## 7. Offerti tal-Pannelli Fotovoltajici

Il-Kunsill talab lill-Kumpanija Econing Engineering Consultancy Ltd biex tagħmel evaluazzjoni ta' dawn l-offerti. Mir-rapport tagħhom huma issuġġerixew li għandhom jintgħażlu Panta Marketing and Services Ltd. Il-Kunsill għandu jara

mas-Segretarju Eżekuttiv preċedenti Ruben Cassar jekk Econing Engineering Consultancy Ltd u l-offerenti rawx il-post ta' fejn hu proopost li ser titwaħal is-sistema tal-Panelli, jekk iva il-Kunsill ser imexxi ma' l-opinjoni ta' Econing Enginering Consultancy Ltd u tintagħzel l-offerta skond il-parrir mogħti mill-kunsulenti tal-Kunsill.

**8. Approvazzjoni ta' ħlasijiet**

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti**.**

**9. Ilmenti u Suġġerimenti**

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Benna biex jinżebgħu linji sofor li jipprojbixxu l-parkeġġ ta' vetturi mal-ġnub u faċċata tal-entratura fi Triq il-Pitkali fix-Xewkija kif ukoll biex isir l-manutenzjoni tat-Triq. Peress li din iz-zona ma taqax taħt il-kompetenza tal-Kunsill, il-Kunsill se jgħaddi dan l-ilment lil Malta Industrial Parks u lil Transport Malta.

**14. Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa ntemmet fid-9:30p.m.

Sue-Ellen Bugeja
Segretarju Ezekuttiv

Dr Monica Vella
Sindku